(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1 (a) to 4.1 (c) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progress entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clauses 4.1 (iii) and 4.2.

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Merchants Steet, Valletta VLT 1171, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 13th October, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Divizjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (https://deputyprimeminister.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

Id-29 ta' Settembru, 2023

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency), fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali. Din il-pożizzjoni tista' tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea Fond Agrikolu għall-iżvilupp Rurali 2014-2020.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Division are (https://deputyprimeminister.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

29th September, 2023

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Position of Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the position of Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights. This position may be co-financed by the European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Manager (Paying Agency), li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Uffiċjal li jkollu pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li jinstab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu, jista' japplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa għandu bħalissa.

2.5 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'din il-pożizzjoni tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency), huwa ekwivalenti għal inkriment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €30,353.38 fl-2023), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal:

i) Performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salajru bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilita b'diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti (MAFA);

ii) Disturbance allowance (minflok overtime) ta' 15% tas-salarju rispettiv li jista', f'ċirkustanzi eċċezjonali u għal perjodi speċifiċi kif awtorizzat mis-Segretarju Permanenti rispettiv, tista' tiżdied għal 25%; u

iii) Responsibility allowance prorata, stabbilita għal 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Manager (Paying Agency) jinkludu li:

Duration of assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Manager (Paying Agency), which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Manager (Paying Agency) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time barred or linked to the completion of a specific task, the position of Manager (Paying Agency) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 An officer holding a position of a definite nature (i.e. with objective reason), who is in the last (4) months of his/her definite term, may apply laterally, even if the advertised position carries the same specialisation that s/he currently holds.

2.5 Accepting appointment in this position signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

Salary Pegged to the Position

3.1 The Salary attached to the position of Manager (Paying Agency) is equivalent to the maximum of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €30,353.38 in 2023), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the later.

3.2 A selected candidate will also be entitled to:

i) A performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary (MAFA);

ii) A disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and specific periods duly authorised by the respective Permanent Secretary, be increased by 25%; and

iii) A pro-rata responsibility allowance flat at 25% of the respective salary scale.

Duties

4. The job duties for the position of Manager (Paying Agency) include:

i. Jappoġġja l-operat tal-Aġenzija bi prestazzjoni ta' livell għoli skont kif assenjat f'waħda mill-funzjonijiet tal-Aġenzija u dan biex ix-xogħol jitwettaq b'mod effettiv u effiċjenti, kif ukoll jimplimenta u jesegwixxi skemi, programmi, miżuri u pagamenti ffinanzjati taħt l-EAGF u l-EAFRD, b'mod orjentat lejn il-klijent;

ii. Jassumi sehem ewlieni fil-kordinament ta' inizjattivi dwar il-politika fl-Aġenzija, inklużi dawk mibdijin fuq il-livell tal-UE, sabiex jassigura li tittieħed azzjoni deċiżiva u f'waqtha biex tkun definita t-triq 'il quddiem u sabiex il-pjan jitwettaq fil-ħin u b'mod korrett fl-ambitu tar-riżorsi disponibbli, dejjem skont id-direzzjonijiet li jistgħu jingħataw mis-superjuri;

iii. Jirrappreżenta lill-Aġenzija tal-Pagamenti, il-Ministeru responsabbli u/jew lil Malta kif u fejn meħtieġ, kemm fuq livell lokali, nazzjonali, internazzjonali jew tal-UE;

iv. Iżomm lis-superjuri diretti u lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti infurmati dwar żviluppi fil-qasam assenjat lilu, kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak lokali, inklużi żviluppi politiċi, ekonomiċi, soċjali, tekniċi, xjentifiċi jew teknoloġiċi, flimkien ma' żviluppi organizzattivi li jistgħu jolqtu jew ikunu rilevanti għax-xogħol tal-Aġenzija tal-Pagamenti, il-funzjonijiet u l-akkreditazzjoni tagħha;

v. Ifassal rapporti u briefs komprensivi, iżda fil-qosor, dwar oqsma relatati max-xogħol tal-Aġenzija li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, dan kemm meta mitluba u kif ukoll fuq inizjattiva personali;

vi. Jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni li tkun fis-seħħ fil-qasam tal-kompetenza tiegħu, inkluż inter alia r-Regolamenti tal-Kunsill 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 u 1308/2013 u atti relatati li jimplimentaw jew li ġew delegati, kif ukoll leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew regoli, kif jista' jkun assenjat jew delegat mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti jew skont id-direzzjoni li tista' tingħata mis-superjuri;

vii. Ifassal u jirrakkomanda lis-superjuri diretti tiegħu proċeduri amministrattivi effettivi għall-monitoraġġ u l-kontrolli meħtieġa sabiex tkun assigurata l-korrettezza u l-osservanza tal-iskadenzi fl-awtorizzazzjoni ta' claims taħt il-kompetenza tiegħu, u jassigura li dawn jiġu implimentati, esegwiti u rrappurtati b'mod effiċjenti;

viii. Jikkontribwixxi għall-kisba ta' livelli għoljin ta' kontabbiltà u trasparenza billi jżomm rekords xierqa dwar id-deċiżjonijiet u t-transazzjonijiet li jsiru, u billi jipprovdi risposti effettivi u fil-ħin għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Audit Missions tal-Kummissjoni Ewropea, tad-Dipartiment għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jew tal-Ombudsman;

i. Supports the Agency's operation by performing at a high-level as assigned within any one of its functions for the effective and efficient delivery of its business, to implement and execute schemes, programmes, measures and payments funded under the EAGF and the EAFRD, in a client-oriented manner;

ii. Be responsible in a leading role in co-ordinating policy initiatives within the Agency, including those at EU level, so as to ensure that appropriate early and decisive action is undertaken to chart a way forward and execute this in a timely and correct manner within resource constraints, in line with such directions as may have been given by superiors;

iii. Represents the Paying Agency, responsible Ministry and/or Malta as and where necessary, whether at local, national, international or at EU level;

iv. Keeps direct superiors and the Director General of the Paying Agency informed of developments in the assigned area, whether at EU or on a domestic level, including potential, economic, social, technical, scientific or technological developments, as well as organisational developments that may impact or be relevant to the business of the Paying Agency, its functioning or accreditation;

v. Draws up succinct but comprehensive reports and briefs, both when requested or upon own initiative, on matters related to the Agency's business in his/her area of competence;

vi. Implements the Common Agricultural Policy legislation in force in his/her area of competence, including inter alia EU Council Regulations 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 and 1308/2013 and the related implementing and delegated acts, as well as relvant national legislation or rules as may be assigned or delegated by the Director General of the Paying Agency or in line with such directions as may have been given by superiors

vii. Draws up and recommends to his/her direct superiors effective administrative monitoring and control procedures required in order to ensure correctness and timeliness for the authorisation of claims in his/her area of competence, and ensures that these are implemented, executed and reported upon in an efficient manner;

viii. Contributes to the Agency's high level of accountability and transparency by keeping appropriate records of decisions and transactions made, provides a timely and effective response to queries by Audit Missions from the European Commission, the Internal Audit and Investigations Department, the National Audit Office or the Ombudsman;

ix. Imexxi l-istaff assenjat lilu billi juri leadership u involviment hands-on fil-kordinament u t-twettiq tal-attività fit-taqsimiet jew mill-istaff li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu u dan sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija kif stabbiliti mis-superjuri tiegħu, jmexxi wkoll l-uffiċjali fil-gradi kollha kif meħtieġ billi jagħti l-eżempju, u kif ukoll billi jieħu sehem sħiħ bħala membru tal-maniġment superjuri inkluż billi jikkollabora b'mod effettiv ma' dipartimenti, entitajiet u persuni interessati oħra għan-nom tal-Aġenzija meta u kif meħtieġ;

ix. Manages assigned subordinates by demonstrating leadership and a hands-on approach in the coordination and performance of activities of the unit and/or personnel under his/her charge in order to meet the Agency's objectives as set by his/her superiors, leads officials in all grades in any task by example where necessary, as well as liaises effectively with other departments, entities or stakeholders on the behalf of the Agency when and as required;

x. Jimmaniġġja l-prestazzjoni ta' membri tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu, anke billi jasal fi ftehim magħhom dwar pjanijiet personali ta' prestazzjoni, jistabbilixxi miri u aspettativi ċari bbażati fuq miżuri tax-xogħol f'dawk il-pjanijiet, jagħmel monitoraġġ u jevalwa l-prestazzjoni, jipprovdi feedback regolari, jindika oqsma fejn jista' jsir titjib, u juża b'mod attiv l-għodod u l-mekkaniżmi disponsibbli sabiex jimmotivahom u jikseb l-aħjar prestazzjoni, filwaqt li jassigura li l-istess proċess jitħaddem għall-ħaddiema li jaqgħu taħthom;

x. Manages the performance of members of the Agriculture and Rural Payments Agency under his/her direct responsibility, in part by: agrees personal performance plans with them, sets clear targets and expectations based on work measurement in those plans, monitors and evaluates their performance, provides regular feedback, points out areas for improvement, and actively using all available tools and mechanisms to motivate them and optimize their performance, while ensures a trickle-down approach is also being used for their subordinates;

xi. Jagħmel kull komunikazzjoni, informazzjoni jew azzjonijiet ta' taħriġ skont kif ikun hemm bżonn biex jassigura t-trasferiment effettiv tal-għarfien u l-ħiliet fost l-istaff jew persuni interessati oħra, anke bit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kampanji informattivi, promozzjonali u li jqajmu kuxjenza, skont direzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti jew skont id-direzzjoni li tista' tingħata mis-superjuri;

xi. Undertakes such communication, information or training actions as are needed to ensure effective transfer of knowledge and skills to staff and/or stakeholders, including through the design and implementation of information, promotional or awareness campaigns as directed by the Director General of the Paying Agency or in line with such directions as may have been given by superiors;

xii. Jappoġġja u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' inizjattivi tal-Ministeru responsabbli, inklużi miżuri tal-manifest elettorali, miżuri għat-twettiq tal-estimi finanzjarji, miżuri ta' simplifkazzjoni jew regolazzjoni aħjar u inizjattivi u obbligi oħra tas-Servizz Pubbliku kif ikun meħtieġ;

xii. Supports and contributes to the successful implementation of the responsible Ministry's initiatives, including such electoral manifesto measures, budgetary implementation measures, simplification and better regulation measures or other public service initiatives or obligations as may be required;

xiii. Juri fi kwalunkwe sitwazzjoni u partikolarment meta jkunu qed jersqu l-iskadenzi tal-fondi, l-abbiltà u r-rieda li jaħdem taħt pressjoni, inkluż meta meħtieġ li jaħdem sat-tard, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi biex ilaħħaq mal-iskadenzi, u fejn meħtieġ li anke jsiefer fuq xogħol uffiċjali;

xiii. Demonstrates in all situations and particularly in periods where funding deadlines are approaching, an ability and willingness to work under challenging pressure, including whenever so required by working late or on weekends or on public holidays to meet deadlines, or where required to travel abroad on official business;

xiv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjuri jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvi. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

xvi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

iii. a) ikunu f'pussess ta' Master Degree fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Accountancy, jew Business Studies, jew Finance, jew Banking, jew Public Policy, jew Environment/ Earth Systems, jew Agriculture, jew Communications, jew kwalifika komparabbli professjonali fil-Livell 7 tal-MQF fl-Accountancy, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Universita' ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'anqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabli sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

JEW

b) fil-pussess ta' Baċellerat degree fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Accountancy, jew Business Studies, jew Finance, jew Banking, jew Public Policy, jew Environment/ Earth Systems, jew Agriculture, jew Communications, jew kwalifika komparabbli professjonali fil-livell 6 tal-MQF fl-Accountancy, u tliet (3) snin esperjenza ta' xoghol rilevanti;

JEW

c) huma uffiċjali pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux inqas minn Skala 10, li il-ħatra tagħhom f'din l-iskala ġiet ikkonfermata u li għandhom kwalifika ta' Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ ECVET jew ekwivalenti*) fl-Accountancy, jew Business Studies, jew Finance, jew Banking, jew Public Policy, jew Environment/Earth Systems, jew Agriculture, jew Communications, jew kwalifika komparabbli professjonali fil-Livell 6 tal-MQF fl-Accountancy;

JEW

d) impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed jaqdu dmirijiet fis-Serivizz Pubbliku ta' Malta jew ħaddiema tal-RSSL, fil-livell ta' responsabbiltà komparabbli ma' Skala ta' Salarju 10 fis-Servizz Pubbliku, li l-ħatra tagħhom f'din l-iskala ġiet ikkonfermata, u li għandhom kwalika ta' Baċellerat rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fl-Accountancy, jew Business Studies, jew Finance, jew Banking, jew Public Policy, jew Evironment/ Earth Systems, jew Agriculture, jew Communications, jew kwalifika komparrbali professjonali fil-livell 6 tal-MQF fl-Accountancy.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. a) in possession of a Master Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy, or Business Studies, or Finance, or Banking, or Public Policy, or Environment/ Earth Systems, or Agriculture, or Communications, or a comparable professional qualification at MQF Level 7 in Accountancy, plus one (1) year relevant work experience;

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (Awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

OR

b) in possession of a Bachelor Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy, or Business Studies, or Finance, or Banking, or Public Policy, or Environment/ Earth Systems, or Agriculture, or Communications, or a comparable professional qualification at MQF Level 6 in Accountancy, plus three (3) years relevant work experience;

OR

c) public officers in a scale not below Scale 10, whose appointment in such scale has been confirmed, and who are in possession of a recognised Bachelor Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy, or Business Studies, or Finance, or Banking, or Public Policy, or Environment/Earth Systems, or Agriculture, or Communications, a comparable professional qualification at MQF Level 6 in Accountancy;

OR

d) Public Sector Employees currently performing duties in the Malta Public Service and RSSL employees, both at a level of responsibility comparable to not below Scale 10 in the Public Service and whose appointment in such level has been confirmed, and who are in possession of a recognised Bachelor Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Accountancy, or Business Studies, or Finance, or Banking, or Public Policy, or Environment/Earth Systems, or Agriculture, or Communications, or a comparable professional qualification at MQF Level 6 in Accountancy;

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 180 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibli.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Aktar min hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil paragrafu 5.1 jew kif indikat f'paragrafu 5.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal 31 ta' Diċembru, 2023. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 5.1 jew 5.2.

(c) Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jista' jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata l-marki skont dan, jiġifieri l-bord tal-għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki l-aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur

*A recognised qualification comparable to 180 ECTS/ECVET credits, as applicable is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

iv. Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position or in a lower grade/position. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Furthermore, candidates who have not yet obtained the qualification specified in paragraphs 5.1 or else as indicated in paragraph 5.2 will still be considered provided that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st December, 2023. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression (as the case may be) start to count from the date of appointment.

(b) Appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualifications referred to in clauses 5.1 and 5.2

(c) Marks for additional relevant qualifications may only be awarded for qualifications attained by the closing date of the call for applications. A candidate who can provide evidence that the necessary ECTS were attained by such date may be awarded marks accordingly, i.e. the selection board could opt to give one of the lower marks if substantiated by an available transcript.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry/department issuing the call for application from the Director responsible for HR where

responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-bord tal-għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-bord tal-għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

5.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Applicants are obliged to immediately inform the selection board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the selection board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

5.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.5, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 2023. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mingħand l-Assistent Direttur (People Management), Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 13th October, 2023. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

